

DEĊIŻJONI Nru 1/2018 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-CTC**tal-4 ta' Diċembru 2018****fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit biex jaderixxi mal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija [2018/1989]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija ("il-Konvenzjoni"), il-Kumitat Konġunt stabbilit b'dik il-Konvenzjoni għandu jadotta, permezz ta' deċiżjoni, stedinet lil pajjiżi terzi biex jaderixxu ma' dik il-Konvenzjoni.
- (2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") esprima x-xewqa tiegħu li jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata mid-data meta l-Konvenzjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih.
- (3) L-iskambju tal-merkanzija mar-Renju Unit jiġi ffaċilitat b'simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jaffettwaw il-kummerċ tal-merkanzija bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u r-Repubblika tat-Turkija.
- (4) Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-iskambju, jixraq li r-Renju Unit jiġi mistieden biex jaderixxi mal-Konvenzjoni,
- (5) L-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni jenħtieġ li tkun effettiva biss mid-data minn meta l-Konvenzjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew, jekk l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit jaqblu dwar arranġamenti tranżitorji fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih, mid-data minn meta dawn l-arranġamenti tranżitorji ma jibqgħux japplikaw,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit għandu jiġi mistieden biex jaderixxi mal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni mid-data minn meta ma jkunx aktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew mid-data minn meta kwalunkwe arranġament tranżitorju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih, ma tibqax tapplika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Philip KERMODE

⁽¹⁾ ĠUL 134, 22.5.1987, p. 2.